MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru. 355/2009

Il- Pulizija
[Spettur Priscilla Caruana]

vs

Carl Bonnici

Illum 18 ta’ Jannar 2010

Kumpilazzjoni Nru: 355/2009

Il- Qorti,

Rat l- akkuzi migjuba kontra l- imsemmi Carl Bonnici ta’ 30 sena mwieled nhar l- 20 ta’ Settembru, 1978, iben Gaetano u Rose nee’ Cassar, imwieled Pieta` u residenti 5, Sqaq San Anard, Zejtun u detentur tal- karta tal-identita bin- numru 479478M.

Akkuzat talli fil- 11 ta' Lulju, 2008 f' diversi hinijiet tal-gurnata gewwa l- fond numru 5, Sqaq San Anard, Zejtun;

1. Volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` diversi appliances, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix l- elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1.164.69), imma huwa aktar minn mija u sittax il- euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad- detriment ta' Elaine Bonnici;

2. U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Elaine Bonnici, u dan skond kif iccertifika Dr. Jesmond Cassar M.D. mill- klinika tal- Floriana.

3. U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b' tali mod li kkaguna lil haddiehor biza` li ser tintuza vjolenza meta kien jaf jew missu kien jaf li b' tali mgieba kien ser jikkaguna lil haddiehor biza'.

Il- Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija titratta ma l- imputat si sar ricediv b' diversi sentenzi tal- Qorti tal- Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il- Qorti giet mitluba wkoll li barra li tapplika l- piena stabbilita ghal dan ir- reat, tapplika l- proveddimenti ta' l-artikolu 383 tal- Kodici Kriminali ghas- sigurta` ta' Elaine Bonnici.

Rat l-artikoli 49, 50, 221, 251B u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti esbieti .

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jikkoncerna incident li nqala bejn il-konjugi Bonnici. Minn dak dikjarat waqt l-udjenza

mizmuma llum jidher li l-kwistjonijiet ta’ bejniethom gew rrizolti tant li l-parte civile rrinunzjat ghal azzjoni kriminali fejn din hija rinunzjabbli u ghazlet li ma tixhiedx fil-konfront ta’ zewgha.

Illi l-prosekuzzjoni ma kellhiex provi ohra x’tipproduci.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fuq nuqqas ta’ provi ma ssibx lill-imputat hati ta’l-ewwel u t-tielet imputazzjoni u tilliberah minnhom, u stante rinunzja ghall-azzjoni kriminali tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------